MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 32 – 4 Leġiżlatura**

**l-Erbgħa 31 ta'Lulju 2024**

Il-Kunsill Reġjonali u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Gudja | Is-Sur Romeo Baldacchino |
| Sindku Ħal-Għaxaq | Is-Sur Karl Boxall |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Stephen Grech |
| Sindku Marsa | Is-Sur Luke Farrugia |
| Kunsilliera Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Cassar Sghendo |
| Kunsillier Ħal-Luqa | Is-Sur Jeffery Scicluna |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Żejtun | Sinjura Joan Abela |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Gianluca Falzon |
| Sindku Marsaskala | Chev. Mario Calleja |
| Kunsillier Santa Lucija | Is-Sur Frederick Cutajar |

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija

ASSENTI

Ma kienx hemm membri assenti

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sa. Mariella Strout | Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**32.1** **Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

32.1.1 Ma kienx hemm

**32.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

32.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' wieħed u tletin (31) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

32.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat mis-Sindku Joan Abela, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

32.2.3 **Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**Laqgħa mal -Kuntrattur ta' ġbir ta' l-skart**

Il-President informa li wara li kienet saret mal-kuntrattur ta' l-iskart qed jitkompla il-moniteraġġ ta' l-operat permezz tal-uffiċjal maniġerjali responsabbli mill-iskart. Żdiedu li spot checks mir-Regjun f'zoni li huma magħrufa għal irregolaritajiet. Il-president tenna li kienu qed issiru talbiet għal ħlasijiet mingħand id-DLG li għadhom pendenti, fosthom l-ispiża ta' l-ġabra ta' l-iskart riċiklat kummerċjali kif ukoll il-ħlas dovut mill-PROs. Dawn l-ispejjeż qed iwasslu lil Reġjun f'pożizzjoni finanzjarja diffiċli u ma huwiex ser ikun jista' jalloka fondi għal proġetti fil-kunsill kif kien issir fil-passat. Is-sitwazzjoni finanzjarja ser tkun spjegata f'dettall mil-accountant tal-Kunsill.

**Riżultat ta' intervista- sejħa għal Assistant Prinċipal Skala 11**

Il-president informa li persuna li intażlet kienet bdiet f 'rwol ta' Assistant Prinċipal.

**32.3** **Komunikazzjoni mill-president;**

32.3.1 **Ċerimonja ta' ġurament ta' Sindki u Viċi Sindki**

Il-president irringrazzja li Sindki, Viċi Sindki u lil Kunsilliera tal-preżenza tagħhom waqt i-Ċerimonja tal-ġuramenti. Huwa tenna li din kienet l-ewwel darba li Reġjun organizza din



M

l-attività, filwaqt li feraħ li Sindki u Kunsilliera ġodda u lil Sindki u Kunsilliera li reġaw ġew eletti.

32.3.2 **Proġett Caqlaq**

Il-President informa li l-Kunsill rċieva proposta sabiex jiġi mniedi proġett bl-objettiv li kommunitajiet f'ħdan ir-Reġjun jiġu inkuraġġiti jipparteċipaw f'attivitajiet fiżiċi u kreattivi. Il-parteċipanti ser ikollhom l-opportunita jaħdmu f'tims b'hekk jitgħallmu ħiliet ġodda permezz skambji ta' idejat b'mod kollettiv. Dan il-proġett ser ikun miftuħ għal adulti u qed jiġi propost bħala parti m'sena dedikata għal benesseri -Hena.

Dan il-proġett ser ikun mqassam f'60 lezzjoni li jinkludu tagħlim ta' teatru u fiżika madwar 12 il-lokalita f'reġjun. Kull lezzjoni tieħu madwar sagħtejn b 'klassi ta' 20 parteċipant. Fejn ikun jippermetti il-lezzjonijiet issiru fl-apert.

Il-badġit allokat għal dan il-proġett huwa ta' €10,000.

Il-Kunsill qabel ma din il-proposta

32.3.3 **Proġett EduPlastic Watch proposta GalXlokk Measure 4: Development of Green Infrastructure**

Il-President informa li qed jiġi propost sabiex 8 Lokalitajiet f'ħdan ir-reġjun jipparteċipaw f'proġett li jkun jinkudi ukoll 11 il-skola tal-Primarja li jkopru 4,500 student L-objettiv ta' dan il-proġett huwa li tfal jitgħallmu jiziraw u jkabru xtili. L-iskejjel ser jiġu provduti b' Microplastics Educational Toolkit sabiex l-istudenti jitgħalmu ħiliet u esperjenżi STEAM (Science, Technology, Engineering, Arts and Mathematics). Permezz ta' dan il-proġett il-Kunsilli ser jingħataw 220 sigra ta' żebbuġ.

Il-project leader għal dan il-proġett qed jiġi propost li jkun il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk.

Il-proġett ser jinħadem mir-reġjun kif sar il-proġett ta' Digital ebook.

Badġit tal-proġett

Qormi: €546 Zejtun: €546 Marsascala: €546 Birzebbugia: €273 Ghaxaq: €273 Marsaxlokk: €273 Gudja: €273 Luqa: €273

Spiza totali €15,000

Refund totali (80%) = €12,000

Spiża totali ta' fondi lokali hija (20%) = €3,000

Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**32.4** **Item: AGM 2024**

Il-President informa nhar il-Erbgħa 11 ta' Settembru 2024 ser issir il-laqgħa annwali fejn il-Kunsill ser jingħata rendikont ta' xogħol li sar mir-Reġjun matul is-sena 2023. Huwa spjega li din is-sena il-laqgħa ser issir ġewwa Ġnien l-Għannejja, Triq id-daħla ta' San Tumas, Żejtun fis 7pm. Huwa kompla billi irringrazzja li Sindku ta' Żejtun ta' l-ospitalita.

Il-Kunsill qabel.

**32.5** **Skeda ta' Pagamenti;**

32.5.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 06/24A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

32.5.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Karl Boxall u sekondat Kunsillier Elke Sghendo il-kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**32.6** **Rapporti**

**32.6.1** **Rapport Finanzjarju Q2**

Il-president ressaq ir -rapport ta' l-ewwel kwart tas-sena . Hu stieden lil accountant Sur Kevin Inkorvaja jagħti spjega tiegħu. Is-Sur Inkorvaja qal li dan it-tieni kwart ta' sena kompla juri telf ta' 407,000, minħabba l-ispiża tal-iskart fejn qed jidher illi kien ammont ta 2.2 miljun euro bħala ħruġ u dħul kien ta' madwar 1.8 million. Huwa ta' spjega li dan xenarju mhux sostenibbli meta wieħed hi qis illi f'sena u nofs il Kunsill ħareġ 1.3 miljun euro. Il-President sostna li għalhekk dak il kont ta' rejects (skart fil-borża il-griża) 80,000 euro intbagħatu lil Kunsilli għax ma jistawx jibqaw jidhru fuq l-accounts tal-Kunsill. Min naħa tiegħu l-accountant zid jgħid li sitwazzjoni qeda finanzjarjament ħażin meta wieħed iqis li bħala Working Capital ir-reġjun għandu inqas milli għandu allokazzjoni. Huwa tenna li kien imnalla li ir-reġjun kien bil-għaqal fil-passat.
Il-membri preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju kif preżentat.

**32.7** **Affarijiet Oħra**

32.7.1 Il-president stieden li dawk preżenti jekk għandhomx xi punti oħra li jixtiequ jressqu.

- Is-Sindku ta' Birzebbugia tkellem dwar il-kwistjoni tal-ħmieġ il jħalli il-ħamiem selvaġġ. Huwa ippropona li sir deroga b'mod kollettiv bħala reġjun sabiex tiġi

ndirizzat il-mezz ta' kif jista' jiġu mrażżna dawn il-ħamiem. Is-sindku kompla li huwa lest li jagħti l-għajnuna tiegħu f'din il-materja. Il-Kunsill qabel.

- Id-delegat mill Kunsill ta' Ħal-Qormi staqsiet jekk ir-reġjun jistax jgħin fil l-ispejjeż marbuta ma dwal ta' toroq. Ġie konkluż li din il-materja ta' taħt ir-responsabiltà tal-Kunsill Lokali u mhux ta' Reġjun.

- Id-delegat mill-Kunsill ta' Ħal-Luqa qajjem il-punt dwar l-iskart. Huwa tenna li residenti qed iħossuhom frustratti b'ammont ta 'skart li qed jiġu mġalla żommu ġewwa djar tagħhom speċjalment meta iridu jmorru bil-fliexken tal-plastik fil-magni ta' riċiklat. Huwa tenna li hemm bżonn jinstabu soluzzjonijiet oħrajn.

- Il-President feraħ li-Sindku tal-Ħamrun ta' tisbiħ li sar fil-lokalita tal-Ħamrun

**32.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

32.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal l-Erbgħa 28 ta' Awwissu 2024

Konfermati llum 28 ta' Awwissu 2024____________________

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Segretarju Eżekuttiv